# . . . TAGHKOM -QALB BLA TEBGHA TA' MARIJA

## L-EWWEL TISLIMA TAL-KAPPILLAN

*eż Uliedi fi Kristu,*

*'aqraw fir-rakkont tal-ġrajja tal-fejqan mirakoluż tal-mifluġ 'nqa ta' Betzata, li għall-mistoqsija ta' Ġesù lill-mifluġ, jekk iridx ifieq, dan wieġbu: "Ja Sidi, m'għandi 'l ħadd biex meta jitħarrek l-ilma, jitfagħni fil-menqa". Għal din l-istqarrija, Ġe` ndaħal hu nnifsu u bis-setgħa tiegħu tah il-fejqan.*

*Mit-twaqqif tal-Parroċċa l-ġdida tagħna, Ġesù takom il-Kappillan, qaddej tagħkom, biex f'kull ħtieġa tagħkom, imma fuq kollox fil-ħtiġijiet spiritwali tagħkom, ħadd ma jkun jista' jen... kliem il-mifluġ tal-Vanġelu. Għax il-Kappillan għalhekk qie... d hemm biex jgħinkom ilkoll. Għalih intom ilkoll ulied spiritwali. Minnkom ħadd mhemm minsi. Il-kawża tagħkom hi l-kawża tiegħu. Tiegħu huma l-interessi spiritwali tagħkom. Għalhekk, illum, għada u dejjem, lejh għandkom tħarsu. Warajh għandkom timxu. Biex miegħu lkoll issalvaw. Fil-ħidma tiegħu hu mhu qatt imqanqal minn interessi li jintemmu maż-żmien. Dak li jmexxieh hu biss il-ġid u l-ħajja dejjiema tagħkom. Ftakru: d-dmirijiet tiegħu jġibu magħhom dmirijiet fikom. Tagħhom Alla għad jitlob kont lilu, kif lilkom.*

*Mela taħt il-ħarsien tal-Qalb bla Tebgħa Ta' Marija nidħlu flimkien għall-ħidma li qed tistenniena. U l-ferħ ta' l-Għid, frott ħlejju tas-Sagrifiċċju ta' Ġesù Binha jseħibna fil-jiem kollha ta' ħajjitna u jiżgurana mir-rebħa fit-taqbida tagħna kontra l-għedewwa ta' ruħna.*

*Tagħkom*
*fil-Qalb bla Tebgħa Ta' Marija*
*P. WISTIN MAGRO,*
*Kappillan.*

---

**HINIJIET TAL-QUDDIES**

FIL-ĦDUD U L-FESTI: 4.30 a.m., 7.00 a.m., 8.30 a.m.
MATUL IL-ĠIMGĦA: 4.30 a.m., 6.00 a.m.
NHAR TA' SIBT, LEJLIET IL-FESTI KMANDATI U L-EWWEL ĠIMGĦA
TAX-XAHAR: 7.00 p.m.

# PROGRAMM

## tal-Funzjonijiet

## TAL-GIMGHA L-KBIRA

## u tal-Festi

## TAT-TWAQQIF TAL-PARROCCA

## ta'

## BURMARRAD

**4 — 18 T'APRIL 1971**

ĦADD IL-PALM: Fis-7.00 a.m., Tberik taż-Żebbuġ, Purċissjoni u Quddiesa bil-kant.
Fit-3.00 p.m., Rużarju, Priedka tal-Passjoni mill-W.R.P. Pawl Pisani ofmconv. u ċelebrazzjoni Ewkaristika.

ĦAMIS IX-XIRKA: Fil-5.30 p.m., Quddiesa ta' l-Ikla tal-Mulej, bil-ħasil tar-riġlejn, Purċissjoni bis-Sagrament Imqaddes għall-artal tal-MISTRIEĦ u bidu ta' l-Adorazzjoni lil ĠESÙ EWKARISTIJA.

IL-ĠIMGĦA L-KBIRA: Fit-3.00 p.m. Azzjoni Liturġika b'tifkira tal-PASSJONI U L-MEWT TA' SIDNA ĠESÙ KRISTU: Liturġija tal-Kelma, Talb Solenni, Adorazzjoni tas-Salib Imqaddes u Tqarbin.

SIBT IL-GĦID: Fit-8.00 p.m. Quddiesa tal-Vġili: Liturġija tad-Dawl — Tħabbir ta' l-Għid — Liturġija tal-Kelma — Liturġija tal-Magħmudija: Tberik tal-Fonti u tiġdid tal-Wegħdiet tal-Magħmudija — Liturġija Ewkaristika.

IL-GĦID IL-KBIR: Fis-7.00 a.m. Quddiesa Parrokkjali mill-W.R. P. Wistin Magro, Kappillan.
Fit-8.30 a.m. Quddiesa Pontifikali mill-E.T. Mons. Em. Gerada, Isqof Koadjutur u Ordinazzjoni Sagra ta' l-Ewwel Saċerdot tal-Parroċċa: P. Manwel Gatt ofmconv.

IT-TNEJN TA' L-GĦID: *JUM IL-MORDA*

*Il-Parroċċa tgħix il-misteru ta' l-Għid fl-uġiegħ u t-tbatijiet ta' wliedha.*

Issir it-Tqarbina ta' l-Għid tal-Morda tal-Parroċċa.
Fis-6.15 p.m. Rużarju u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.
Fis-6.45 p.m. Quddiesa bl-omelija mill-W.R. Dun Ġużepp Schembri, Kappillan tal-Mellieħa.

**NITOLBU. Għall-morda u għal kull min hu mġarrab minn xi ħemm fil-Parroċċa tagħna, biex imseħbin ma' Kristu fit-tbatija jaqalgħu għal ħuthom kollha li jkollhom sehem sħiħ mill-frott tal-fidwa.**

IT-TLIETA TA' L-GĦID: *JUM IL-FAMILJA*

*Il-Familja hi l-polz tal-Parroċċa.*

Fis-6.15 p.m. Rużarju u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.
Fis-6.45 p.m. Quddiesa bl-Omelija mill-W.R. Dun Bartolomew Bezzina, Arċipriet tal-Mosta.

**NITOLBU. Għall-familji kollha tal-Parroċċa tagħna, biex ikunu knejjes qaddisa fejn kull membru iweġġah Lilek fil-qadi ta' dmiru, fil-ħarsien tal-liġi tiegħek u fit-tifħir lil Ismek flimkien mal-membri l-oħra.**

L-ERBGĦA TA' L-GĦID: *JUM IŻ-ŻGĦAŻAGĦ*

*Sħaħ fil-fidi u safjin fl-imħabba ż-żgħażagħ iħabbru s-sebħ ta' jum li ma jgħaddhiex fil-ħajja tal-Parroċċa.*

Jibda t-*TRIDU EWKARISTIKU*

Fis-6.00 a.m. Quddiesa tal-Ftuħ ta' l-Esposizzjoni Ewkaristika Solenni.
Fis-6.15 p.m. Ċelebrazzjoni Ewkaristika u waqfien ta' l-Esposizzjoni.
Fis-6.45 p.m. Quddiesa bl-omelija mill-W.R. Dun Pawl Said, Arċipriet tan-Naxxar.

**NITOLBU. Għaż-żgħażagħ tal-Parroċċa tagħna, biex bittisħib ta' sikwit fis-Sagrifiċċju Ewkaristiku jgħixu f'ħajjithom il-paċi u l-ferħ ta' l-Għid imqaddes.**

IL-ĦAMIS TA' L-GĦID: *JUM IT-TFAL*

*It-Tfal, il-għaxqa ta' Ġesù, huma l-mimmi ta' għajnejn il-Parroċċa.*

Fis-6.00 a.m. Quddiesa — Wara tissokta l-Esposizzjoni Ewkaristika.
Fis-6.15 p.m. Ċelebrazzjoni Ewkaristika u waqfien ta' l-Esposizzjoni.
Fis-6.45 p.m. Quddiesa bl-omelija mill-W.R. P. Serafin Galea ofmconv., Kappillan ta' San Pawl il-Baħar.

**NITOLBU. Għat-tfal kollha tal-Parroċċa tagħna, biex fl-imġieba u fil-kelma tagħna lkoll isibu għajnuna siewja li tressaqhom dejjem iżjed lejn Ġesù li jberikom u jseddaqhom fit-tajjeb.**

## IL-ĠIMGĦA TA' L-GĦID: *JUM IL-VOKAZZJONIJIET*

*Il-Vokazzjonijiet Saċerdotali u Reliġjużi huma l-isbaħ rigal ta' Ġesù lill-Parroċċa.*

Fis-6.00 a.m. Quddiesa — Wara tissokta l-Esposizzjoni Ewkaristika.
Fis-6.15 p.m. Ċelebrazzjoni Ewkaristika u għeluq ta' l-Esposizzjoni.
Fis-6.45 p.m. Quddiesa bl-omelija mill-E.T. Mons. Em. Galea, Isqof Awżiljarju.

**NITOLBU. Għall-familji kollha tal-Parroċċa tagħna, biex ikunu imxietel ta' vokazzjonijiet saċerdotali u reliġjużi u għaż-żgħażagħ tagħna, biex bla tlaqliq iwieġbu għas-sejħa ta' Ġesù li jsejjħilhom jimxu warajh.**

## IS-SIBT TA' L-GĦID: *JUM IL-KAPPILLAN*

*Fil-Kappillan naraw, nweġġħu u nħobbu 'l Ġesù, ir-Ragħaj it-Tajjeb.*

*JUM MARJAN.*
Fis-6.00 a.m. Quddiesa — Wara jissokta jum ma' Marija minn nies tal-Parroċċa.
Fis-6.15 p.m. Ċelebrazzjoni Marjana.
Fis-6.45 p.m. Konċelebrazzjoni Solenni immexxija mill-E.T. Mons. Mikiel Gonzi, Arċisqof ta' Malta. Jikkonċelebraw il-Kappillan u s-Superjuri tal-Kunventi tal-Provinċja O.F.M.Conv.
Wara l-Konċelebrazzjoni jinqara d-Digriet tat-Twaqqif tal-Parroċċa u tal-Ħatra tal-Kappillan.

**NITOLBU. Għall-Kappillan tagħna, biex skond ir-rieda tiegħek imexxina dejjem fit-triq tat-tagħlim tiegħek u hekk naslu miegħu biex niksbu għal dejjem il-milja ta' imħabbtek.**

## IT-TIENI ĦADD TA' L-GĦID: *JUM IL-FIDI*

*Il-Parroċċa tissebbaħ fil-fidi ta' wliedha li tidher fl-imħabba li tnebbaħ l-għemejjel kollha tagħhom.*
Fl-4.30 a.m. Quddiesa Parrokkjali mill-W.R. Kappillan.
Fis-7.00 a.m. Quddiesa Prelatizja mill-W.R.P. Rafiel Gauci, Ministru Provinċjal.
Fit-8.30 a.m. Quddiesa.
Fil-5.00 a.m. L-Ewwel Quddiesa Solenni tas-Saċerdot Ġdid, P. MANWEL M. GATT ofmconv. bl-omelija mill-W.R.P. Albert M. Sammut ofmconv. Wara l-Quddiesa issir Purċissjoni Ewkaristika fil-Pjazza tal-Knisja, Konsagrazzjoni tal-Parroċċa lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù u lill-Qalb bla Tebgħa ta' Marija, kant tat-"Te Deum" u Barka Ewkaristika.

**NITOLBU. Għalina lkoll, ulied din il-Parroċċa, biex ngħixu dejjem il-fidi tagħna f'rabta sħiħa mal-Papa, Għalliem tas-sewwa, u nuruha dejjem f'kull għemil tagħna.**